MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Numru. 110/2014

**Il-Pulizija**

**VS**

**Daniel Victor Bonnici, iben Vincent u Carmen nee' Muscat, residenti fil-fond numru 452876M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Daniel Victor Bonnici** li gie akkuzat talli:

Nhar it-23 ta' Awwissu, 1998 ghall-habta tas-6.30am, fi Triq in-Nutar Zarb, Attard, saq mutur GAO294:

1. B'giri aktar milli jmissu;
2. B'manjiera bla kont;
3. Traskurata;
4. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna hsarat f'arblu tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
5. U aktar talli fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alan Caruana skont kif iccertifika verbalment Dr Zrinzo MD tal-ITU SLH.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess;

Rat illi nstemghu l-provi kollha, u li anke giet sorvolata l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat ukoll illi l-abbli Avukat Difensur Dr Stephen Tonna Lowell qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u wara d-debita awtorizzazzjoni minn din il-Qorti, ezebixxa nota ta' sottomissjonijiet.

Rat ukoll illi fuq ordni ta' din il-Qorti, l-Ufficjal Prosekutur ghamlet ricerka dwar ir-riferti, liema ricerka hi vverbalizzat li tat rizultat fin-negattiv.

In-nota ta’ Dr Tonna Lowell taqra hekk in parte:

“*Illi f’dan il-kaz ic-citazzjoni harget fit-13 ta’ Lulju, 2000 u l-ewwel seduta giet iffissata ghat-28 ta’ Lulju, 2000 – ftit jiem qabel it-trapass ta’ sentejn mid-data tal-incident de quo.*

*Illi, in fatti, l-Avukat Generali intalab permezz ta’ nota tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jezebixxi l-proces-verbal meritu tal-kaz fis-seduta tat-28 ta’ Lulju, 2000.*

*Illi s-seduta tat-28 ta’ Lulju, 2000, ma saritx u l-ewwel seduta saret fis-7 ta’ Novembru, 2000.*

*Illi l-ewwel imputazzjoni hija ta’ natura kontravenzjonali preskrivibbli bit-trapass ta’ tlitt xhur.*

*Illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni (Artikolu 15(1)(a) Kap 65) igorru piena massima ta’ tlitt xhur prigunerija u kwindi huma preskrivibbli bit-trapass ta’ sentejn.*

*Illi r-raba’ imputazzjoni (Artikolu 328(d) Kap 9) iggorr piena massima ta’ tlitt xhur prigunerija u kwindi hija preskrivibbli bit-trapass ta’ sentejn.*

*Illi l-hames imputazzjoni (fl-aghar ipotesi Artikolu 226(1)(a) Kap 9, kif vigenti fid-data tal-incident – kopja tad-*

*disposizzjoni annessa) kienet iggorr piena massima ta' sitt xhur prigunerija u kwindi hija preskrivibbli bit-trapass ta' sentejn.*

*Illi peress illi l-esponent gie notifikat bl-imputazzjonijiet imsemmija 'l fuq minn sentejn wara l-incident, qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-azzjoni kriminali hija estinta minhabba preskrizzjoni.*"

Taghmel ukoll hawn il-Qorti ampja referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Bernard C Spiteri) vs Bartolomew Bonnici", deciza nhar it-31 ta' Ottubru, 2013 fejn trattando ta' sitwazzjoni identika, il-Qorti qalet hekk:

"

*Jibda biex jinghad illi persuna li tkun akkuzata b'xi reat jew kontravenzjoni mhi tenuta ggib l-ebda prova u darba titqajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova illi l-akkuza ma kienetx preskritta u l-azzjoni setghet titmexxa. Ma hemm l-ebda onoru fuq imputat illi jgib il-provi hu u juri illi l-azzjoni kienet preskritta. Ghalhekk il-Qorti trid tasal ghal din id-decizjoni fuq dak li jirrizulta mill-Atti. Kif ga nghad, ma hemm l-ebda riverta ta' notifika f'dan il-process, pero' rrizulta illi l-incident gara fit-30 ta' Gunju, 2011 u c-citazzjoni ggib id-data 5 ta' Novembru, 2011, bl-ewwel seduta ffissata ghas-27 ta' Settembru, 2011. S'hawnhekk l-azzjoni qieghda fit-terminu u jekk dikinhar l-appellant deher allura d-dehra tieghu hija bizzejjed biex jissodisfa n-notifika u tista titqies bhala data krucjali ghal fini*

*tal-preskrizzjoni. Pero' dikinhar tas-27 ta' Settembru, 2011 ma sar xejn u l-unika haga li hemm fil-verbal hija illi l-kawzi kollha dikinhar gew diferiti ghal 25 ta' Ottubru, 2011. Dikinhar deher l-akkuzat assistit min Dr. Gian Franco Gauci l-avukat tieghu, quindi l-unika data illi l-Qorti tista torbot ghal fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011fejn bil-prezenza tieghu l-appellant kien qieghed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur lahaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza.*"

Illi a bazi ta' dan citat u dak ben espost fin-nota tal-abbli Avukat Difensur, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak hemm elenkat u konsegwentement qieghda tiddikkjara l-azzjoni preskritta allura estinta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------